

Brussell, 7 ta' Settembru 2018
(OR. en)

11821/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0104 (NLE)

TRANS 356
MAR 109
AVIATION 107
ESPACE 38
RELEX 713
EU-GNSS 17
CSC 243

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 11351/17 13661/16	
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru fl-Afrika u f'Madagascar (ASECNA) dwar l-iżvilupp tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u l-provvista ta' servizzi relatati fiż-żona ta' kompetenza tal-ASECNA għall-benefiċċju tal-avjazzjoni ċivili - Adozzjoni

1. Il-Ftehim ta' hawn fuq huwa r-riżultat tal-mandat tal-Kummissjoni (mogħti mill-Kunsill fil-25 ta' Settembru 2014) biex tinnegożja, f'isem l-Unjoni, ftehim internazzjonali mal-Aġenzija għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru fl-Afrika u f'Madagascar (ASECNA) li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-provvista ta' servizz ta' awmentazzjoni bis-satellita (SBAS) fl-Afrika abbażi tal-programm Ewropew ta' radjunavigazzjoni bis-satellita EGNOS (dokumenti 11911/14 + ADD 1 EU RESTRICTED).

2. Fit-12 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-ASECNA dwar l-iżvilupp tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u l-provvista tas-servizzi relatati fil-ġurisdizzjoni tal-ASECNA għall-benefiċċju tal-avjazzjoni ċivili (dokumenti 12228/16 + ADD 1).
3. Id-Deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar ġiet adottata mill-Kunsill fil-21 ta' Novembru 2016 u l-Ftehim ġie ffirmat fil-5 ta' Diċembru 2016.
4. Id-Deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fit-13 ta' Diċembru 2016¹.
5. Fl-1 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru fl-Afrika u f'Madagascar (ASECNA) dwar l-iżvilupp tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u l-provvista ta' servizzi relatati fiż-żona ta' kompetenza tal-ASECNA għall-benefiċċju tal-avjazzjoni ċivili.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Netwerks iddiskuta l-proposta u laħaq qbil dwarha fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Lulju 2017.
7. Wara l-qbil fil-Grupp ta' Ħidma, fid-29 ta' Jannar 2018 il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, kif imħejji mis-servizz legali-lingwistiku tal-Kunsill (dok. 11351/17), flimkien mat-test tal-Ftehim (dok. 13661/16) lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
8. L-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ingħatat fit-3 ta' Lulju 2018.
9. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Coreper huwa mistieden jissuġġerixxi li fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, il-Kunsill jadotta l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif tinsab fid-dokument 11351/17 kif ukoll it-test tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument 13661/16 sabiex tkun tista' ssir il-konklużjoni tal-ftehim.

¹ ĠU L 337, 13.12.2016, p. 1.